

L-Erbgħa 5 ta' April 2017

P8_TA(2017)0104

Ratifika u adeżjoni tal-Protokoll tal-2010 għall-Konvenzjoni dwar is-Sustanzi Perikolużi u ta' Ħsara bl-eċċezzjoni ta' aspetti marbutin mal-kooperazzjoni ġudizzjarja fi kwistjonijiet ċivili

Riżoluzzjoni leġislattiva tal-Parlament Ewropew tal-5 ta' April 2017 dwar l-abbozz ta' deċiżjoni tal-Kunsill dwar ir-ratifika u l-adeżjoni mill-Istati Membri f'isem l-Unjoni mal-Protokoll tal-2010 għall-Konvenzjoni Internazzjonali dwar ir-Responsabbiltà u l-Kumpens għall-Ħsara b'Konnessjoni mat-Trasportazzjoni bil-Baħar ta' Sustanzi Perikolużi u ta' Ħsara, bl-eċċezzjoni ta' aspetti marbutin mal-kooperazzjoni ġudizzjarja fi kwistjonijiet ċivili (13806/2015 – C8-0410/2015 – 2015/0135(NLE))

(Approvazzjoni)

(2018/C 298/25)

Il-Parlament Ewropew,

- wara li kkunsidra l-abbozz ta' deċiżjoni tal-Kunsill (13806/2015),
 - wara li kkunsidra l-Konvenzjoni Internazzjonali dwar ir-Responsabbiltà u l-Kumpens għall-Ħsara b'Konnessjoni mat-Trasportazzjoni bil-Baħar ta' Sustanzi Perikolużi u ta' Ħsara tal-1996 (il-“Konvenzjoni HNS 1996”),
 - wara li kkunsidra l-Protokoll tal-2010 għall-Konvenzjoni HNS 1996,
 - wara li kkunsidra t-talba għal approvazzjoni preżentata mill-Kunsill skont l-Artikolu 100(2) u l-Artikolu 218(6), it-tieni subparagrafu, punt (a)(v), tat-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea (C8-0410/2015),
 - wara li kkunsidra d-Deċiżjoni tal-Kunsill 2002/971/KE tat-18 ta' Novembru 2002 li tawtorizza lill-Istati Membri, fl-interess tal-Komunità, li jirratifikaw jew li jaderixxu mal-Konvenzjoni Internazzjonali dwar ir-responsabbiltà u l-Kumpens għall-Ħsara b'Konnessjoni mat-Trasportazzjoni bil-Baħar ta' Sustanzi Perikolużi u ta' Ħsara tal-1996 (il-Konvenzjoni HNS) ⁽¹⁾,
 - wara li kkunsidra l-opinjoni tal-Qorti tal-Ġustizzja tal-14 ta' Ottubru 2014 ⁽²⁾,
 - wara li kkunsidra r-riżoluzzjoni interim tiegħu tat-8 ta' Ġunju 2016 dwar l-abbozz ta' deċiżjoni tal-Kunsill ⁽³⁾,
 - wara li kkunsidra s-segwitu tal-Kummissjoni tal-4 ta' Ottubru 2016 għar-riżoluzzjoni interim,
 - wara li kkunsidra l-opinjoni f'forma ta' ittra dwar il-bażi ġuridika għall-abbozz ta' Deċiżjoni tal-Kunsill imsemmi hawn fuq adottata mill-Kumitat għall-Affarijiet Legali fid-19 ta' Frar 2016 ⁽⁴⁾ u annessa mar-rapport interim tal-Kumitat għall-Affarijiet Legali (A8-0191/2016),
 - wara li kkunsidra l-Artikolu 99(1) u (4) u l-Artikolu 108(7) tar-Regoli ta' Proċedura tiegħu,
 - wara li kkunsidra r-rakkomandazzjoni tal-Kumitat għall-Affarijiet Legali (A8-0076/2017),
1. Jagħti l-approvazzjoni tiegħu għar-ratifika u l-adeżjoni mill-Istati Membri, fl-interess tal-Unjoni Ewropea, mal-Protokoll tal-2010 għall-Konvenzjoni Internazzjonali dwar ir-responsabbiltà u l-Kumpens għall-Ħsara b'Konnessjoni mat-Trasportazzjoni bil-Baħar ta' Sustanzi Perikolużi u ta' Ħsara, bl-eċċezzjoni ta' aspetti marbutin mal-kooperazzjoni ġudizzjarja fi kwistjonijiet ċivili;
 2. Jagħti istruzzjonijiet lill-President tiegħu sabiex jgħaddi l-pożizzjoni tiegħu lill-Kunsill, lill-Kummissjoni u lill-gvernijiet u lill-parlamenti tal-Istati Membri.

⁽¹⁾ ĠU L 337, 13.12.2002, p. 55.

⁽²⁾ Opinjoni tal-Qorti tal-Ġustizzja tal-14 ta' Ottubru 2014, 1/13, ECLI:EU:C:2014:2303.

⁽³⁾ Testi adottati, P8_TA(2016)0259.

⁽⁴⁾ PE576.992.